MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2009

Numru. 473/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANTHONY PORTELLI**

**KONTRA**

**ANTOINE GRAVINA ta' 26 sena, iben John u Maria Dolores nee' Cachia, imwieled Tal-Pieta' nhar id-29 ta' Mejju, 1983, residenti fil-fond numru 20, Triq San Iljun, Bubaqra, Zurrieq, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 292683M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **ANTOINE GRAVINA** li gie akkuzat talli:

1. Fl-Imqabba, b'xi hin matul il-lejl bejn it-8.00pm tat-28 ta' April, 2007 u l-4.30am tad-29 ta' April, 2007

ikkommetta serq ta’ diversi oggetti mir-residenza bl-isem *White Horse Farm House*, sitwata fi Triq Hal-Kirkop, Imqabba, liema serq li huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok, bil-hin, u bil-valur li jeccedi l-Lm100.00 izda li ma jeccedix l-Lm1,000.00 u dan sar ghad-detriment ta’ Saviour Mizzi mill-Imqabba u/jew persuni ohra;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri l-Lm5.00 izda inqas minn Lm50.00 u li saret ghad-detriment ta’ l-imsemmi Saviour Mizzi u/jew persuni ohra;

3. U aktar talli nhar it-18 ta’ April, 2007 u fil-gimghat ta’ qabel din id-data, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, u cioe’ laqa’ ghandu diversi oggetti rapurtati misruqa mill-imsemmi White Horse Farm House, sitwat fi Triq Hal-Kirkop, Imqabba, u dan sew jekk sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom.

Rat li fl-interrogatorju l-imputat wiegeb illi ma kienx hati ta’ l-akkuzi migjuba kontra tieghu (folio 4 u 32);

Rat ukoll illi ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji (folio 4 u 32);

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji (DOK AG, folio 6);

Semghet il-provi prodotti.

Ikkunsidrat:

Illi bla dubbju l-*jerry cans* misruqa minghand Saviour Mizzi mimlija bil-*bio diesel* instabu ghand l-imputat.

Saviour Mizzi, d-derubat, fil-fatt gharaf il-*jerry cans* tieghu misruqa. Gharaf anke DOK AG 3 – sensiela ta’ ritratti.

Gharaf fil-fatt it-tlettax(13)-il landa ta’ *diesel* misruqa miz-zebgha li kien waqqa’ fuq il-kontenituri.

L-Ex Spettur Walter Spiteri affettwa, fuq informazzjoni kunfidenzjali, tfittxija fir-residenza ta’ Antoine Gravina. Hemm sab ghaxar *jerry cans* sofor, liema *jerry cans* aktar tard gew identifikati mid-derubat Saviour Mizzi.

Rat ukoll l-istqarrija rilaxxata mill-istess imputat. DOK AB a folio 7, l-istess imputat kif kien drittu ghazel li ma jwegibx ghall-ebda domanda.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti m’ghandha ebda dubju dwar il-htija ta’ l-imputat, almenu fil-konfront ta’ l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fil-kumplament qieghda tilliberah mill-akkuzi migjuba kontra tieghu, in kwantu mhumiex ippruvati.

Rat l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, rat ukoll l-Artikoilu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ sitt(6) xhur sospizi ghal sena(1).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------